



---

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali  
Il-President*

---

28.8.2019

Is-Sur Van Overtveldt  
President  
Kumitat għall-Baġits  
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea  
(COM(2019)0206 – C9-0005/2019 – 2019/2023(BUD))

Għażiż Sur Van Overtveldt,

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) biex tingħata assistenza lir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija (COM(2019)0206 – C9-0005/2019 – 2019/2023(BUD)) ġiet riferita għall-opinjoni lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali. Jidher li hemm il-ħsieb li dalwaqt ser jiġi adottat rapport dwar dan fil-Kumitat għall-Baġits.

Din il-proposta ser timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea kif ġej:

- (a) EUR 8 192 300 f'assistenza għar-rispons għal xita qawwija ripetuta u għargħar fuq skala kbira fir-reġjun tal-Grigal tar-Rumanija fis-sajf tal-2018;
- (b) EUR 277 204 595 f'assistenza għar-rispons għal avvenimenti estremi tat-temp li wasslu għal valangi, għargħar u qerda ta' siġar f'kważi r-reġjuni kollha tal-Italja matul il-ħarifa tal-2018;
- (c) EUR 8 154 899 f'assistenza għar-rispons għal xita qawwija u irjieħ tal-maltemp li wasslu għal għargħar, ħsara sinifikanti lill-foresti, uqigħ tal-art u qtugħ tal-elettriku f'Carinthia u fit-Tirol tal-Lvant fl-Awstrija f'Ottubru 2018.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE huma stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Il-koordinaturi tal-kumitat ivvalutaw din il-proposta u talbuni niktiblek biex ninformak li l-maġġoranza ta' dan il-kumitat ma għandu ebda oġġezzjoni għal din il-mobilizzazzjoni tal-

Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jiġi allokati l-ammont imsemmi hawn fuq hekk kif propost mill-Kummissjoni.

Dejjem tiegħek,

Younous Omarjee